**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 22 ta' April 2022**

**Rikors nru ; 155/2022 AGV**

**AF**
**-vs-**
**AB gia` F**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir-rikors ta' AF , detentur tal-karta ta' l-identita numru 356669 (M), datat 18 ta' Marzu 2022;**

Jesponi bir-rispett u bil-gurament tieghu jikkonferma:

1. Illi huwa zzewweg lill-intimata AB  gia` F, nhar is-sebgha ta' Novembru tas-sena elf disa' mija disgha u disghin (07/07/1999) fil-Knisja Parrokjali ta' Santa Marija, Hal Ghaxaq liema zwieg huwa registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru elfejn u disghin zbarra elf disa' mija u disgha u disghin (2090/1999) kif iccertifikat mid-dokument anness u mmarkat bhala Dok 'A';

2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal u cioe' A illi twieldet nhar il-wiehed u ghoxrin ta' Gunju tas-sena elfejn u wiehed (21/06/2001) li ghalhekk hija maggorenni u J illi twieldet nhar it-tlieta ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (03/08/2006) illi ghadha minuri;

3. Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt ippubblikat minn Nutar Dottor Maria Briffa tal-erbgha u ghoxrin ta' Gunju tas-sena elfejn u hdax (24/06/2011) li kopja tieghu tinsab hawn unita u mmarkata Dok. "B".

4. Illi ma hemm ebda manteniment dovut mir-rikorrenti lill-intimata u lanqas hemm manteniment dovut mir-rikorrenti fil-konfront ta' uliedu stante li dan huwa obbligu lir-rikorrenti dejjem segwa;

5. Illi ir-rikorrent minn dejjem kellu u ghad ghandu residenza ordinarja tieghu f'Malta;

6. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin ghal ghaxar (10) snin u llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

7. Illi ghaldaqstant, jikkonkorru il-kriterji kollha rikesti mill-ligi ghal-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet **AF** u **AB gja F**, u ghalhekk ir-rikorrenti AF jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti, joghgobha:

   I. **TIDDIKJARA** li z-zwieg tar-rikorrenti ccelebrat ma' AB gia` F, nhar is-sebgha ta' Novembru tas-sena elf disa' mija disgha u disghin (07/07/1999) fil-Knisja Parrokjali ta' Santa Marija, Hal Ghaxaq liema zwieg huwa registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru elfejn u disghin zbarra elf disa' mija u disgha u disghin (2090/1999) hu mahlul, u li ghalhekk l-partijiet huma divorzjati ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi,

   II. **TORDNA** lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, biex dan ikun hekk registrat fir-Registru Pubbliku.

Il-Qorti ;

Rat li l-konvenuta ma ghandhiex oggezzjoni ghall-ghoti tad-divorzju.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**